ARBITRU

Dott. Deborah Schembri

Seduta ta' nhar it-Tnejn, 25 ta' Novembru, 2024

Talba Nru: CCT38/24/DS

George Mario Attard

Vs

Klikk Ltd

It-Tribunal

Ra l-avviż tar-rikorrenti pprezentat fit-19 Frar, 2024 fejn talab illi s-soċjeta' intimata riżarċiment ta' ħamest elef Ewro (€5,000) peress illi meta ħa l-prodott WDMyCloud serial number WCC4E0994368 għat-tiswija intbagħat barra minn Malta għal tiswija mhux awtoriżżata minnu u oltre min hekk meta ngħata l-prodott lura kellu d-data ta' persuna oħra fuqu minflok id-data tiegħu ;

Ra illi s-soċjeta' intimata debitament notifikata bl-avviż tat-talba u tas-smiegħ fid-9 ta' Marzu, 2024 daħħlet risposta tardiva fl-1 ta' April, 2024. Is-soċjeta' intimata ma dehritx għas-seduta tat-22 ta' April, 2024 u għaldaqstant it-Tribunal ordna l-isfilz tar-risposta u ddikjara lis-soċjeta' intimata kontumaċi;

Ra illi l-attur preżenta l-pużizzjoni tiegħu;

Ra l-atti kollha tal-kawża.

Sema' lill-attur bil-ġurament.

Ikkunsidra

Illi mill-provi jirriżulta illi l-attur kkonferma il-punti essenzjali tat-talba tiegħu ampjament u metikolożament deskritti, taħt ġurament kif ukoll żied xi nformazzjoni addizzjonali permezz tax-xhieda tiegħu.

Illi l-fatti in sużżint huma s-segwenti: L-attur ħa l-prodott WDMyCloud serial number WCC4E0994368 għat-tiswija għand is-soċjeta' intimata għaliex għalkemm kien qiegħed jaħdem tajjeb kellu problema ta' aċċessibilita' tad-data tiegħu. Huwa ingħata *job card* illi tgħid "*subject to inspection by our technicians, you will be contacted with any damages found before any work is done*". Il-prodott intbagħat barra minn Malta kontra l-indikazzjonijiet li kien ingħata l-attur u cioe illi kienet ser issir spezzjoni mit-teknici in house stante illi kienu qalulu li ser jkun suġġett għal "*inspection by **our** technicians*" u nqalgħet problema biex huwa jieħu l-prodott lura għaliex kienu qalulu li ntilef. Eventwalment il-prodott ingħata lilu lura fl-2023 u meta ħadu biex jiġi analiżżat huwa sab illi :

> *"fil-fatt il-prodott kien tiegħi imma x'hin tajtu l-password u d-dettalji tiegħi ma setax jaccessaħ u meta għamel reset tal-password u aċċessa d-data ġie skopert illi din id-data kienet ta' terzi persuni u mhux id-daa tiegħi. Id-data tiegħi ma kienetx hemm."*

L-attur jgħid illi dan kien propju produtt intiż biex tiġi storjata d-data personali, xi ħaġa li kien ilu jagħmel mill-2016 meta nxtara. Meta t-Tribunal staqsieh f'hiex tikkonsisti t-talba ta' ħamest elef Ewro (€5,000) huwa rrisponda :

> *"... illi qiegħed nitlob riżarċiment għaliex is-soċjeta' intimata tilfet id-data kollha tiegħi li jien kont akkumulajt fuq numru ta' snin li kienet tinkludi kemm affarijiet rigwardanti xoghol kif ukoll affarijiet personali illi jien issa m'għandi l-ebda mezz biex nirkupra u dan kollu wara xhur illi jien kont sprovvist mill-użu tal-prodott għax kien nitluf mis-soċjeta' intimata u cioe minn Diċembru 2021 sa Settembru, 2023."*

Ikkunsidra

Illi f'sentenza tal-**15 ta' Novembru, 2023 fl-ismijiet Vincent Ciappara u għal kull interess li jista' jkollu Mario Ciappara v. Nazzareno sive Reno Bartolo u għal kull interess li jista' jkollha Carmela sive Lina Bartolo sive Antonia Bartolo; u Perit Michael Attard il-Qorti tal-Appell**:

"kellha okkażjoni tirrileva dak ritenut fis-sentenza tas-27 ta' Jannar, 2003, fl-ismijiet ***Malcolm Harwood v. Joseph Aquilina et:*** *"Issa in tema għas-suġġett tal-preskrizzjoni jiġi rilevat qabel xejn illi «l liġi u l-ġurisprudenza jiddistingwu tliet xorta ta' danni, jiġifieri dawk derivanti minn delitt veru u proprju (fejn il-preskrizzjoni hija dik ta' l azzjoni kriminali), dawk derivanti minn ħtija akwiljana (fejn il preskrizzjoni hi dik ta' sentejn) u* ***dawk derivanti minn inadempjenza kontrattwali (fejn il-preskrizzjoni hija dik ta' ħames snin)» – «Joseph Micallef nomine v. Carmelo Cassar», Appell Ċivili, 27 ta' April, 1953;***

Jinsab preċiżat, imbagħad, fid-deċiżjoni fl-ismijiet ***«Joseph Busuttil v. Emmanuele Schembri», Appell Kummerċjali, 19 ta' Frar, 1954****, illi «f'każ ta' appalt, l-addebitu li l-appaltant jagħmel lill-appaltatur li huwa responsabbli għad-danni minħabba eżekuzzjoni ħażina ta' l-appalt jikkostitwixxi addebitu ta' kolpa kontrattwali, u ma fihx karattru delittwuż jew kolpuż, u għalhekk il-preskrizzjoni applikabbli kontra l-azzjoni għal dawk id-danni hija dik ta' ħames snin.» Fl-istess sens is-sentenza fl ismijiet* ***«Carmela armla Manicolo v. Philip Hili», Appell, 5 ta' Ottubru, 1998 u «Sabrina Borda v. Arrigo Group of Hotels Limited et", Qorti Civili, Prim' Awla, per Imħallef Frank Camilleri, 15 ta' Jannar, 1999;***

Ġaladarba r-rapport bejn il-proprjetarju u l-Arkitett huwa wkoll wieħed kontrattwali, ugwalment f'dan il-każ il-preskrizzjoni applikabbli hi dik kwinkwennali (Ara ***«Camilleri v. Dr. Frendo», Vol. XII p 144);"***

Illi f'dan il-każ it-talbiet relatati mal-każ odjern huma wkoll ikkunsidrati bħala naxxenti minn kuntratt bejn l-attur u s-soċjeta' intimata u għaldaqstant suġġetti għal preskrizzjoni ta' ħames snin. Dan qiegħed jiġi kkunsidrat state illi l-attur stess ħass illi għandu jinnota t-trapass taż-żmien u peress illi t-Tribunal xorta huwa fid-dover illi jara l-fatti kollha relatati irrispettivament minn jekk il-parti intimata tkunx kontumaċi o meno.

It-trapass taż-żmien f'dan il-każ ma jissuperax il-ħames snin *statne* illi l-prodott ittieħed fiċ-ċentru tat-tiswija fil-15 ta' Diċembru, 2021 w'għaldaqstant m'hemmx kwistjoni illi t-talba hija b'xi mod preskritta u għaldaqstant ser tiġi kkunsidrata fil-mertu;

Ikkunsidra ulterjorment

Illi t-Tribunal innota wkoll is-segwenti fatti salienti:

a. illi fl-email prodotta mill-attur mibgħuta minn Gordon Zammit fl-1 ta' Awwissu, 2022 jingħad illi "*we have specifically listed in our terms that any data loss during repair is not covered by any repair whatsoever.*" – pero' it-Tribunal iħoss illi, ibda biex tiswija f'dan l-istant ma kienx hemm għaliex it-tekniċi barranin stqarrew illi "*The report from our supplier was that the hard disk was* ***beyond economical repair, and that we should suggest replacement.***" U barra min hekk, anka li kieku kien hemm tiswija dan ma jfissirx illi jekk il-*loss of data* jkun minħabba illi l-prodott ġie użat biex jintuża għal *storage* ta' data ta' ħaddieħor l-attur ma jkollux dritt għad-danni;

b. fl-istess *email* hemm indikazzjoni illi *"the law allows refunds within the two year period*" – pero' it-Tribunal hu tal-fehma illi fil-każ odjern mhux qiegħed jintalab *refund* u dan ma japplikax;

c. fl-istess *email* hemm indikat illi "*the data was unreachable at the point of start of repair – even if we returned the item at that moment, the data was already gone. Your claim to loss of data is superflouous as it happened prior and in conjunction with the hardware failure.*" – it-Tribunal fuq dan il-punt iħoss illi primarjament mhux kredibbli l-asserzjoni illi d-*data was unreachable at the start of the repair* u dan għaliex kif diġa ġie rilevat, ma kienx hemm tiswija tal-prodott w'għaldaqstant dak li ngħata lura lill-attur kellu jkun identiku għal dak li ġie riċevut mis-soċjeta' intimata, xejn anqas u xejn aktar u fit-tieni lok meta l-prodott ġie meħud għand terż li għamel rapport fid-19 ta' Settembru, 2023, instab illi fil-fatt id-data mhux talli setgħet tiġi aċċessata u l-prodott ma kellux *hardware failure*, talli meta ġiet fil-fatt aċċessata nstab illi kien hemm fuqha d-data ta' ħaddiehor! Dan l-argument għaldaqstant ma huwiex ħlief tentattiv tas-soċjeta' intimata biex taħrab mir-responsabbiltajiet tagħha fil-konfront tal-attur.;

d. dan it-Tribunal jinnota n-nuqqas ta' diligenza illi mxiet biha s-soċjeta' intimata u r-riperkussjonijiet għall-attur, u cioe' illi spiċċa b'data mhux rekuperabbli ta' snin konsiderevoli rigwardanti xogħol u affarijiet personalli meta xtara prodott biex propju jservi għall-preservazzjoni tal-istess data!. It-Tribunal fil-każ odjern iqis ukoll illi dan it-telf ta' data ma kienx wieħed illi ma setgħax jiġi evitat kif ukoll tqis il-fatt illi kienu mgħotija struzzjonijiet speċifiċi illi jekk kien ser ikun hemm komunikazzjoni mal-attur qabel ma jsiru xogħolijiet fuq il-prodott u dan l-obbligu kuntrattwali wkoll ġie mwarrab mis-soċjeta' intimta u anke hemm il-provi fl-atti illi ammettiet għal dan l-iżball u provat toffri

kumpens għalieh liema kumpens l-attur ħass illi ma kienx konsonanti mat-telfa li ġarrab.

e. illi t-talba illi qiegħda ssir mill-attur m'hijiex waħda għal danni materjali, telf ta' introjtu jew telf ta' introjtu potenzjali u lanqas telf ta' xi spiża attwali. Dak li qiegħed jiġi mitlub huma danni morali. Hawnhekk issir referenza għall-Kap 378 tal-Liġijiet ta' Malta Artikolu 21(2) li espressament tgħid illi :

> *"Tribunal jista', meta jaqta l-kwistjonijiet f'talba jew kontro-talba preżentati quddiemu, jordna lill-kummerċjant iħallas lill-konsumatur ammont li ma jkunx inqas minn ħamsa u tletin euro(€35) u mhux iktar minn ħames mitt euro (€500) bħala danni morali għal kull ħsara, deni, ansejtà u inkonvenjenza."*

Illi f'dan l-isfond dan it-Tribunal isib illi t-talba tal-attur hija ġustifikata fil-liġi mix-xhieda u l-provi dokumentarji prodotti fl-atti u għaldaqstant hemm bażi legali sabiex din it-talba tiġi akkolta pero' mhux fl-ammont intier ta' ħamest elef Ewro (€5,000) stante illi dan l-ammont jeżorbita l-ammont preskritt mill-liġi għad-danni morali taħt din il-liġi.

Deċiżjoni

Għaldaqstant, għar-raġunijiet kollha hawn fuq imsemmija, wara li ra l-atti, ra l-Kap 378 tal-Liġijiet ta' Malta, u wara li qies iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, dan it-Tribunal jidhirlu illi r-rikorrenti prova il-każ tiegħu suffiċjentement u sal-grad rikjest mill-liġi u għalhekk skont il-mertu u l-ġustizzja sostantiva kif ukoll skont l-ekwita' iħoss illi t-talba tiegħu għandha tiġi milqugħa sal-massimu permissibbli taħt Kap 378 fejn jidħlu danni morali.

Għall-dawn il-motivi, jaqta' u jiddeċiedi billi jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jikkundanna s-soċjeta' intimata tħallas l-ammont ta' ħames mitt Ewro (€500) bħala danni morali għall-ħsara, deni, ansejtà u inkonvenjenzali kkawżatlu.

Bl-ispejjes kontra l-istess soċjeta' intimata.

Deborah Schembri
B.A. (Leg. & Hum. St.) (Melit.),
P.G. Cert. (Parental Alienation)(IFT-Malta),
M.A. (Bioethics) (Melit.), LL.D. (Melit.),
Adv. Trib. Eccl. Melit.

Arbitru